**18 ta' Jannar, 1995**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph Said Pullicino, B.A., LL.D.**

Dr. Adrian Vassallo M.D.

*versus*

Leonard Azzopardi *et*

## Inċident tat-Traffiku - Responsabbilta` - Nuqqas ta' Senjaletika mill-Awtoritajiet

*Li l-Kummissarju tal-Pulizija jargumenta li kull senjaletika (dwar sewqan fi triq li soltu jkun f'direzzjoni waħda iżda minħabba xogħlijiet kien fiż-żewġ direzzjonijiet) kienet tkun inutli għax probabilment tittajjar mill-vetturi li anzi probabilment ma kinux jindunaw biha għax kienu jkunu jsuqu wara xulxin hija trovatura inġenjuża kemm trid iżda li tipprejokkupa lil din il-Qorti għax huwa evidenti li m'hemmx apprezzament biżżejjed tar-responsabbilta` li għandha l-awtorita` - hi min hi - li fejn hemm fin-nofs l-inkolumita` fiżika taċ-ċittadin tagħmel dak kollu - u xejn anqas minn dak kollu - li hu neċessarju biex kemm hu possibbli l-perikolu eżistenti jkun senjalat.*

Il-Qorti:-

Rat is-sentenza mogħtija fit-23 ta' Ottubru, 1991 mill-Onorabbli Qorti Ċivili Prim'Awla, li minnha sar dan l-appell u li taqra hekk;

"Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur ippremetta illi fil-15 ta' Jannar, 1986 waqt li l-istanti kien isuq il-karozza Datsun E-8172 fil-limiti tal-Gudja din sfat involuta f'ħabta mal-Van Austin numru E-5527 misjuq mill-konvenut u ġarrbet ħsarat;

Illi għall-inċident u konsegwenzjali danni mġarrba mill-istanti kien jaħti l-konvenut minħabba negliġenza, imperizja, imprudenza

u inosservanza tar-regolamenti;

Illi l-Konvenut qed jiċħad responsabbilta` għall-inċident;

Talab li din il-Qorti:

Tiddikjara lill-konvenut responsabbli għall-inċident imsemmi u għad-danni li b'riżultat ta' l-istess ġarrab l-istanti;

Tillikwida l-istess danni occorrendo bl-opra ta' periti nominandi;

Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-istanti l-ammont hekk dikjarat bħala dovut in linea ta' danni;

Bl-ispejjeż, kompriżi żewġ liri (Lm2) ta' żewġ ittri lill-konvenut, dawk tal-mandat kawtelatorju ta' qbid 104/86 u dawk tal-mandat kawtelatorju ta' sekwestru 105/86 u dawk tas-sejħa sussegwenti għad-depożitu - u bl-imgħax skond il-liġi kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda ta' l-attur;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-kovenut li biha eċċepixxa:

"Illi l-kolliżjoni msemmija fiċ-ċitazzjoni ma ġratx tort ta' l-eċċipjent għax hu kien għaddej fi triq li suppost kienet *one way* favur tiegħu, ma kien hemm ebda sinjal, lanqas wieħed, li juri li dak il-ħin il-karreġġjata kienet qed tintuża biex tieħu traffiku għaddej miż-żewġ direzzjonijiet;

Jekk hu minnu li l-attur ġie ordnat mill-pulizija biex jidħol fit-*tunnel* kontra l-*one way system* bla ma l-pulizija ħasbet biex tissenjala dan il-fatt lill-utenti l-oħra tat-triq, bi dwal, sinjali, *barriers*, eċċ, allura jrid jirrispondi għal dak li ġara l-Kummissarju tal-Pulizija li jmissu u għandu jiġi kjamat in kawża;

Għalhekk l-eċċipjent f'kull każ qatt ma jkun responsabbli għad-danni pretiżi mill-attur;

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri";

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat il-kontro-talba tal-konvenut li biha wara li ppremetta:

*Omissis*;

Rat id-digriet tat-23 ta' Ġunju, 1986 li bih, fuq talba tal-partijiet biex issir il-kjamata in kawża tal-Kummissarju tal-Pulizija, il-Qorti laqgħet it-talba;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-kjamat in kawża li biha eċċepixxa:

"Illi hu ma għandu x'jaqsam xejn ma' l-inċident imsemmi fiċ-ċitazzjoni u għalhekk għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju;

Illi konsegwentement hu ma għandu jbati ebda spejjeż;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri";

Rat *id-dikjarazzjoni* u l-lista *tax-xhieda* tal-kjamat in kawża;

Rat id-digriet tal-21 ta' Jannar, 1987 li bih ġie nominat bħala perit legali Dottor Tonio Mallia bl-inkariku u fakoltajiet lilu mogħtija bl-istess digriet;

Rat ir-relazzjoni peritali maħlufa fl-udjenza tad-19 ta' Ottubru, 1988;

Rat id-digriet tad-19 ta' Ottubru, 1988 u 2 ta' Novembru, 1988 li bihom ġew nominati bħala periti addizzjonali Dottor Ramon Rossignaud, Dottor Rene` Cremona u Dottor Carmelo Vassallo;

Rat ir-relazzjoni tal-periti addizzjonali preżentata fit-22 ta' Frar, 1991 u maħlufa fl-udjenza tat-22 ta' April, 1991;

Rat l-atti l-oħra kolha tal-kawża u senjatament in-Nota ta' Kritika tal-kjamat in kawża preżentata fis-27 ta' Ġunju, *1991* u dik tal-konvenut Leonard Azzopardi preżentata fis-17 ta' Lulju, 1991;

Ittrattat;

Ikkunsidrat:

Illi tant l-ewwel perit legali kif ukoll il-periti addizzjonali jaqblu li l-attur ma għandu ebda responsabbilta` għall-kolliżjoni billi huwa obda l-ordni tal-pulizija biex igħaddi mit-*tunnel* in kwistjoni u kien isuq rażenti x-xellug skond ir-regolamenti tat-traffiku, bi *speed* baxx u bil-*hazard lights* u dwal oħra jixgħelu. *Il-*Qorti taqbel ma' din il-konklużjoni. Iż-żewġ relazzjonijiet peritali qablu wkoll li tant il-konvenut kemm il-kjamat in kawża huma

responsabbli għall-kolliżjoni. Filwaqt li l-ewwel perit stabbilixxa l-proporzjon tar-responsabbilta` kwantu għal tliet kwarti ($^3/_4$) fuq il-kovenut Leonard Azzopardi u kwantu għal kwart ($^1/_4$) fuq il-kjamat in kawża Kummissarju tal-Pulizija, il-periti addizzjonali varjaw billi issottomettew li r-responsabbilta` tal-kjamat in kawża għandha tiżdied għal terz ($^1/_3$) u dik tal-konvenut tonqos għal żewġ terzi ($^2/_3$). Il-Qorti taqbel mas-sottomissjoni tal-periti addizjonali billi fil-fehma tagħha l-kjamat in kawża kkontribwixxa b'mod apprezzabbli għall-kolliżjoni billi huwa naqas li jpoġġi tabelli u dwal biex jikkostitwixxu sinjali ċari u effettivi ta' *diversion* ta' traffiku;

Mill-banda l-oħra l-konvenut messu nduna li t-*tunnel* kien qed jintuża wkoll għat-traffiku ġej miż-Żurrieq u dan għar-raġunijiet imsemmijin mill-periti li l-Qorti qiegħda tagħmel tagħha;

Il-kontro-talba ma tistax tiġi milqugħa billi l-attur ma għandux tort;

Għal dawn il-motivi filwaqt li tadotta l-konklużjonijiet tal-periti addizzjonali tiddeċidi billi tilqa' t-talba attriċi fil-konfront tal-konvenut u tal-kjamat fil-kawża billi ssib li huma responsabbli għall-kolliżjoni fil-proporzjon li ġie stabbilit mill-istess periti addizzjonali u għalhekk wara li tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fis-somma ta' Lm1291.37,3 tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-atturi in linea ta' danni s-somma ta' tmien mija u sittin lira, wieħed u disgħin ċenteżmu u ħames milleżmi (Lm860.91,5) u tikkundanna lill-kjamat in kawża jħallas lill-attur in linea ta' danni s-somma ta' erba' mija u tletin lira, ħamsa u erbgħin ċenteżmu u tmien milleżmi (Lm430.45,8) bl-imgħaxijiet legali mid-data tas-sentenza. L-ispejjeż ta' l-azzjoni attriċi jitħallsu kwantu għal żewġ terzi ($^2/_3$) mill-

konvenut u kwantu għal terz ($^1/_3$) mill-kjamat in kawża. Tiddeċidi dwar il-kontro-talba tal-konvenut li billi l-attur mhux responsabbli din għandha tiġi miċħuda u din qiegħda tiġi għalhekk miċħuda bl-ispejjeż kontra l-konvenut";

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut Leonard Azzopardi u l-petizzjoni ta' l-appell tiegħu li permezz tagħha talab li din il-Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata billi tiċħad t-talbiet attriċi kontra tiegħu, u okkorrendo taqsam ir-responsabbilta` tal-kolliżjoni u d-danni bejn l-attur u l-kjamat appellat u tilqa' t-talbiet kontenuti fil-kontro-talba tiegħu, billi tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn din il-kontro-talba ġiet miċħuda bl-ispejjeż kontra tiegħu, u minflok jiġi deċiż li din il-kontro-talba għandha tiġi milqugħa, kontra l-attur appellat, u l-kjamat in kawża appellat jew min minnhom, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur appellat, il-kjamat in kawża appellat jew wieħed minnhom;

Rat ir-risposta tal-kjamat fil-kawża, il-Kummissarju tal-Pulizija għall-appell tal-konvenut, li permezz tagħha fl-ewwel lok iddikjara li kien qed jipprevalixxi ruħu mill-appell prinċipali biex jinterponi appell inċidentali mill-kapi kollha tas-sentenza u billi jissottometti illi l-kawża prossima ta' l-inċident kien in-nuqqas ta' *proper look out* tal-konvenut u mhux xi mankanza da parti tiegħu, l-appell tal-konvenut għandu jiġi respint bl-ispejjeż. Il-Kummissarju tal-Pulizija jissottometti wkoll illi l-miżuri meħuda mill-Pulizjia rigward id-direzzjoni tat-traffiku fil-lokalita` u fil-ħin in kwistjoni kienu adegwati u huwa b'ebda mod ma kkontribwixxa għall-inċident u għalhekk m'għandu jirrispondi għal ebda danni;

*Omissis*;

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esibiti;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Tenut kont ta' kollox dak li jrid jiġi deċiż huwa min għandu verament jiġi ritenut responsabbli għal dak li ġara;

L-appell prinċipali sar mill-konvenut li fin-nota ta' l-eċċezzjonijiet tiegħu sostna li responsabbli għall-inċident kien il-Kummissarju tal-Pulizija, fir-rikonvenzjoni ssottometta li għall-inċident kien unikament responsabbli l-attur u fil-petizzjoni ta' l-appell qed isostni li għandhom jirrispondu jew l-attur jew il-kjamat fil-kawża, jew it-tnejn, imma mhux hu. Essenzjalment it-teżi tiegħu tikkonsisti fl-argument li hu kien għaddej f'karreġġjata skond is-sens solitu u uniku tagħha u li kien it-tibdil minn naħa tal-pulizija li introduċa traffiku mid-direzzjoni opposta bla ma ħa l-prekawzjonijiet neċessarji biex jiġu evitati inċidenti bħal dan in diżamina. Pero` skond l-appellant min kien fi triqtu proprja kien hu u mhux l-attur;

Il-kjamat fil-kawża l-Kummissarju tal-Pulizija għal dik li hija responsabbilta` proprja għall-inċident jissottometti illi l-inċident ġara unikament tort tal-konvenut li naqas li jżomm *a proper look out* fis-sewqan tiegħu u jeskludi dak li ġie addebitat bih u ċjoe` illi hu kien responsabbli għal nuqqas ta' senjaletika adegwata. Il-Kummissarju tal-Pulizija issottometta wkoll ili ġie sostanzjalment injorat illi ntbagħtu żewġ pulizija fuq il-post biex fiżikament jidderiġu t-traffiku fl-inħawi u li din kienet miżura aktar adegwata w aktar kostuża mis-senjaletika li jippretendi li jmissu kien hemm,

skond l-appellant, li kienet tispiċċa tittajjar minn xi vettura. Skond il-kjamat fil-kawża, inoltre l-pulizija kien qed jidderiġi t-traffiku anke billi javża lix-xufiera individwalment;

Ikkunsidrat:

Fuq l-aspett tar-responsabbilta` din il-Qorti għandha żewġ konsiderazzjonijiet x'tagħmel:

Fl-ewwel lok għal dak li hu sewqan u imġieba u attenzjoni fis-sewqan minn naħa taż-żewġ sewwieqa involuti fl-inċident din il-Qorti sempliċement ma tarax li hu l-każ li tiddisturba dak li ġie kkonstatat mill-perit legali, mill-periti addizjonali u mill-ewwel Onorabbli Qorti u ċjoe` li l-attur assolutament ma kellu ebda responsabbilta` f'dak li ġara u li l-konvenut issa appellant kellu miżura ta' responsabbilta`. L-inċident ġara meta l-konvenut baqa' dieħel ġo l-attur li kien għadu kif ħareġ minn *tunnel* li kienet qed tintuża *two-way*. L-attur kien qed jobdi ordni tal-pulizija u kien qed isuq kważi ikaxkar max-xellug bi *speed* baxx ħafna u bil-*hazard lights* mixgħula u ma tista' tiġi stabbilita ebda negliġenza fis-sewqan tiegħu. Minn naħa tal-konvenut, dan fil-fehma ta' din il-Qorti wkoll, messu kien jaf ċjoe` induna li t-*tunnel* kienet qed tintuża wkoll għat-traffiku ġej mid-direzzjoni opposta, ċjoe` miż-Żurrieq, billi jgħid x'jgħid il-konvenut, hemm provi biżżejjed li qabel l-attur ħareġ mit-*tunnel*, ħarġet karozza safra, kien ra l-pulizija f'nofs it-triq, kien ra *bowser* ipparkjat b'mod li jħares lejn Ħal Luqa u max-xellug tiegħu u kien hemm karozzi oħra sejrin lejn iż-Żurrieq minn dik it-*tunnel*;

Għal dik li hija responsabbilta' tal-kjamat fil-kawża, din il-Qorti mhux biss ma taqbel xejn ma' l-ispeċi ta' argumentazzjoni li

hemm fir-risposta ta' l-appell tal-Kummissarju, anzi tiddikjara li hija immeraviljata kif, meta ilhom li waqgħu darba għal dejjem il-prekonċetti li l-Istat għandu xi speċi ta' immunita` ġenerali mir-responsabbilta` għal dak li jista' jsofri iċ-ċitaddin tort ta' l-inefficjenza tas-sistema jew ta' l-impjegati jew ħaddiema tal-gvern, jibqgħu jiġu sottomessi argomenti f'atti uffiċjali bħal ma hija risposta ta' l-appell li frankament jġiegħlu lil din il-Qorti taħseb li qed taqra ħażin! Infatti li jiġi argomentat illi kull senjaletika li jippretendi l-appellant kienet tkun inutli għax kienet probabilment tittajjar mill-vetturi li anzi probabilment ma kinux jindunaw biha għax kienu jkunu jsuqu wara xulxin hija trovatura inġenjuża kemm trid iżda li tipprejokkupa lil din il-Qorti għax huwa evidenti li m'hemmx apprezzament biżżejjed tar-responsabbilta` li għandha l-awtorita` hi min hi li fejn hemm fin-nofs l-inkolumita` fiżika taċ-ċittadin tagħmel dak kollu u xejn inqas minn dak kollu li hu neċessarju biex kemm hu possibbli l-periklu eżistenti jiġi senjalat;

Fil-fehma ta' din il-Qorti f'dan il-każ, fejn *tunnel* li normalment kienet tintuża f'sens uniku mit-traffiku f'salt wieħed u mingħajr preavviż infetħet ukoll għat-traffiku ġej mid-direzzjoni opposta, l-obbligu u r-responsabbilta` tal-kjamat fil-kawża kien li jassikura li jsir dak kollu neċessarju - bħal ma del resto jsir f'pajjiżi ċivilizzati oħra biex is-sewqan ma jiġix reż perikoluż aktar milli neċessarju u biex is-sewwieqa jkunu konxji ta' kull devjazzjoni li tkun saret. Imma li targumenta li senjaletika ma kienx hemm bżonnha għax il-karozzi kienu jtajjruha juri kemm hu impellenti li din il-Qorti tippronunzja ruħha fuq il-kwistjoni biex forsi l-affarijiet darb'oħra jsiru aħjar. Din il-Qorti tagħmilha ċara li mhux lesta la f'din il-kawża u anqas f'oħrajn li jistgħu jinqalgħu li tikkondona suppost miżuri li aktar milli huma adegwati jirriflettu nuqqas ta' apprezzament tal-grad tar-responsabbilta` li għandu jkun hemm fl-

interess taċ-ċittadin;

Fuq ir-responsabbilta' tal-kjamat fil-kawża, din il-Qorti tara li anqas hemm x'tgħid aktar aħjar u tillimita ruħha biex tgħid li tikkondividi kompletament il-konklużjoni ta' l-ewwel Qorti;

Ikkunsidrat:

*Omissis*;

Għal dawn il-motivi tiddisponi mill-appell prinċipali tal-konvenut u minn dak inċidentali tal-kjamat fil-kawża l-Kummissarju tal-Pulizija billi tiċħadhom it-tnejn u konsegwentement tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjeż kollha relattivi għall-appell prinċipali jkunu a kariku tal-konvenut appellant mentri dawk relattivi għall-appell inċidentali jiġu sopportati mill-kjamat fil-kawża.